MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 278/2004

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Borg talli:

(1) F’M’Scala fis-8 ta’ Frar 2004, u fix-xhur ta’ qabel bla hsieb li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt jew jedd li jippretendi li ghandu, ostakola sqaq pubbliku imsejjah Tower Path li huwa kontinwazzjoni ta’ Triq is-Silla, billi tefa’ kwantita` kbira ta’ zkuk tas-sigar u li b’hekk fixkel it-tragitt pubbliku u tat-traffiku;

(2) Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ma obdiex l-ordni legittima tal-pulizija u cioe’ ta’ PS. 1428 J. Delia biex inehhi l-inkonvenjent;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Novembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Borg hati u kkundannatu multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) ordnat li fi zmien gimgha jnehhi l-inkonvenjent taht penali ta' Lm2 kuljum;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Lawrence Borgipprezentat fis-7 ta’ Dicembru 2004, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tas-sentenza appellata, irrizultalha illi l-ewwel Qorti ddikjarat lill-appellant hati, *sic et simpliciter*, u ghamlet referenza biss ghall-artikolu 85 tal-Kap. 9. Pero` l-appellant kellu zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, wahda ta' *ragion fattasi* a tenur ta' l-artikolu 85 tal-Kap. 9 u t-tieni l-kontravvenzjoni taht l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

F'dan il-kaz is-sentenza appellata rreferiet ghall-imsemmijin zewg imputazzjonijiet, <u>kif ukoll ghal imputazzjoni ohra li lanqas biss tirrizulta fil-komparixxi</u>, cioe` li l-appellant (allura imputat) qal kliem oxxen jew kliem indicenti fil-pubbliku, imputazzjoni li evidentement l-appellant ma kienx akkuzat biha, u ddikjaratu hati wara li rat biss l-artikolu 85 tal-Kap. 9. Mis-sentenza appellata ghalhekk mhuwiex car jekk l-ewwel Qorti kinitx qed issib

htija taz-zewg imputazzjonijiet dedotti jew inkella ta' l-ewwel imputazzjoni biss, dik ta' *ragion fattasi*.

Jekk kienet qed issib il-htija anke dwar t-tieni l-imputazzjoni, naturalment kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv. Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill-imputat minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha[1].

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali li ghalhekk jirrendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: "**Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi <u>tillibera jew tikkundanna</u> lill-imputat**".